# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 31 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 51.**
**Citazz. Nru. 781/00 JRM**

**Joseph u martu Pauline GRECH u binthom Marcelline GRECH**

**vs**

**John u Filippa konjugi AMATO u binhom Ronald sive Ronnie AMATO.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni ppresentata fis-26 t'April, 2000, li bih l-atturi ppremettew:

Illi l-kontendenti Marcelline Grech u Ronald sive Ronnie Amato kienu gharajjes ghal xi zmien lil xulxin izda kellhom ihassru l-gherusija taghhom u dan ghar-ragunijiet imputabbli

lejn l-imsemmi Ronald sive Ronnie Amato, fosthom minhabba theddid, sokor, imgieba u attitudni negattiva inkluz swat fil-konfront tal-attrici Marcelline Grech;

Illi l-atturi matul l-gherusija lahqu zborsaw diversi spejjez fosthom hallsu "deposit" biex giet "booked" is-sala tat-tieg, hallsu wkoll ghal "engagement party" u ghall-"photographer" kif ukoll zborsaw flus biex ihallsu xi kontijiet tad-dawl u tal-ilma u biex saru diversi benefikati fil-Flat 2, Triq Hal-Muxi, Zebbug li kien intenzjonat li jkun id-dar konjugali tal- gharajjes Marcellline Grech u Ronald Amato;

Illi l-kontendenti ftehmu bejniethom li jittransiegu l-pendenzi kollha ta' bejniethom kif jirrizutlta mill-annessi ittri markati Dok "MG1", "MG2" u "MG3" fis-sens illi l-konvenuti jhallsu lill-attturi s-somma ta' elfejn hames mija u sebghin lira maltin u hamsa u sittin entezmu (Lm2570.65c) filwaqt li l-atturi kellhom jikkonsenjaw lill-konvenuti xi oggetti kif deskritti fid-Dok "MG2";

Illi l-atturi accettaw li jikkonsenjaw dawn l-oggetti lill-konvenuti kif ukoll accettaw li jithallsu minghand il-konvenuti s-somma ta' elfejn hames mija u sebghin lira maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm2570.65) u dana kif jirrizulta mill-anness Dok "MG3";

Illi l-konvenuti issa qeghdin jirrifjutaw li jonoraw dan il-ftehim u b'hekk qeghdin inadempjenti fl-obbligazzjonijiet assunti minnhom;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-gherusija bejn il-kontendenti Marcelline Grech u Ronald sive Ronnie Amato thassret ghar-ragunijiet imputabbli lejn l-imsemmi konvenut Ronald Amato kif spjegat hawn fuq;

2. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli biex ihallsu lill- atturi s-somma ta’ elfejn hames mija u sebghin lira maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm2570.65) in linea ta’ transazzjoni kif jirrizulta mill-annessi Dokumenti markati “MG2” u “MG3”;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ elfejn hames mija u sebghin lira maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm2570.65c) kif hawn fuq spjegat;

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri bonarji tal-10 ta’ Marzu 1999, tal-31 ta’ Mejju 1999, tat-8 ta’ Lulju 1999, tat-30 ta’ Lulju 1999, tad-29 ta’ Settembru 1999 u tal-ittra ufficjali tas-7 ta’ Mejju 1999 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-atturi flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat id-degriet taghha (diversament presjeduta) tas-17 ta’ Mejju, 2000, li bih appuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-22 ta’ Gunju, 2000;

Rat illi l-konvenuta, notifikati kif imiss fl-20 ta’ Gunju, 2000, bl-att tac-Citazzjoni u bl-Avviz tas-smiegh (pagna 9 tal-process) naqsu li jikkontestaw it-talbiet attrici jew li jidhru quddiem il-Qorti meta ssejhet il-kawza, u ghalhekk waqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-atturi;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tal-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-Degriet taghha tal-25 ta’ Jannar, 2001 li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi x-xhieda wahdanija li nstemghet kienet dik tal-atturi, li minnha, b'tishih ta' dak li kienu halfu fid-Dikjarazzjoni taghhom meta ressqu l-att tac-Citazzjoni, irrisulta li Marcelline Grech (bint l-atturi l-ohrajn) kienet tgharrset ma' Ronnie Amato (iben il-konvenuti l-ohrajn) imma, wara xi zmien, din l-gherusija ntemmet mill-istess attrici minhabba mgieba vjolenti u minghajr galbu tal-istess Ronnie;

Illi minn dejjem gie meqjus li t-thassir tal-gherusija wahda minn xi wahda mill-partijiet m'huwiex raguni biex wiehed jahseb jew jifhem li l-htija tat-thassir sehh minhabba l-persuna li hadet id-decizjoni li ttemmha. L-izjed importanti huwa li wiehed isib x'kienet ir-raguni li ghaliha dik il-persuna kienet imqeghda f'sitwazzjoni li jkollha thassar dik l- gherusija [ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-**6 ta' Lulju, 1992** fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Borg vs Therese Barbaro (Kollez. Vol: **LXXVI.iii.630**)];

Illi, minn dak li semghet il-Qorti, ssib li r-ragunijiet li minhabba fihom l-attrici temmet l-gherusija mal-konvenut kienu serji bizzejjed li, kieku m'ghamlitx hekk, kienet tkun qeghda tistieden wara ftit zmien proceduri ta' natura ohra quddiem dawn il-Qrati;

Illi rrisulta wkoll li l-konvenut, minn dak iz-zmien 'l hawn, kien nissel tarbija minn mara ohra u li llum il-gurnata jinsab mizzewweg lil haddiehor;

Fil-fehma tal-Qorti, dawn huma cirkostanzi serji u siewja bizejjed biex bihom tasal biex tqis li t-thassir tal-gherusija kien risultat tal-imgieba tal-konvenut;

Illi ghalhekk wiehed ghandu jara jekk hijiex misthoqqa t-talba tal-atturi ghall-hlas tad-danni. L-atturi qeghdin jitolbu somma bhala hlas lura ta' spejjez minfuqa mill-attrici Marcelline Grech f'xoghlijiet li saru fid-dar li kellha tkun id-dar matrimonjali

taghha u tal-konvenut, liema proprjeta' kienet partikolari tal-istess konvenut;

Illi f'dan il-kaz, m'humiex qeghdin jintalbu danni morali kif imsemmi fl-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 5 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi, biex isahhu din it-talba taghhom, l-atturi xehdu bil-fomm u strahu fuq korrispondenza li ghaddiet bejn ir-rispettivi avukati taghhom fiz-zmien ta' wara t-thassir tal-gherusija. Ma ngiebu l-ebda provi dokumentali ohrajn;

Il-Qorti tinnota li l-korrispondenza li giet esebita kienet qeghda ssir "minghajr pregudizzju" u dan dejjem kien jinftehem li ma jservix biex b'xi mod, waqt proceduri li 'l quddiem jistghu jsiru, dak li jinghad fihom jintuza biex isawwat lil xi wahda mill-partijiet;

Kemm hu hekk, ghalkemm minn dik il-korrispondenza jidher li l-konvenuti kienu accettaw responsabilta', il-Qorti m'hijiex sejra tqis dik l-istqarrija bhala prova;

Imma, mix-xhieda li semghet il-Qorti jirrisulta li l-atturi kienu ppresentaw ricevuti lill-parti l-ohra biex isostnu t-talba taghhom ghall-ammont ta' elfejn hames mija u sebghin lira u hamsa u sittin centesmu ( Lm2570.65) li proprju llum qeghdin jirriklamaw bhala d-danni mgarrba minnhom;

Il-Qorti tqis li, minn dak li rrisulta, u fin-nuqqass ta' kontestazzjoni, dak l-ammont jidher misthoqq u milqugh;

Ghalhekk, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

**Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi** u tiddikjara li l-gherusija bejn l-attrici Marcelline Grech u l-konvenut Ronnie Amato thassret minhabba htija tal-konvenut;

**Tilqa' ghalhekk it-tieni talba attrici** billi tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni mgarrbin mill-atturi minhabba f'dak it-thassir fis-somma likwidata ta' elfejn hames

mija u sebghin lira maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm2570.65); u

**Tilqa' t-tielet talba attrici** billi tikkundanna lill-konvenuti, solidalment, ihallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn hames mija u sebghin lira maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm2570.65) bhala danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez jithallsu mill-konvenuti, flimkien mal-imghaxijiet mit-8 ta' Mejju, 1999, sal-jum tal-hlas effettiv.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**31 ta' Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Jannar, 2001.**